



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Novembru 2023
(OR. en)

13172/23

LIMITE

CORLX 885
CFSP/PESC 1272
COHOM 192

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999
li tikkonċerna miżuri restrittivi
kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-7 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999¹.
- (2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999, il-Kunsill iqis li l-applikazzjoni tagħha jenħtieġ li tiġi estiża sat-8 ta' Diċembru 2026. Barra minn hekk, il-Kunsill iqis li huwa xieraq li tiġi introdotta klawżola ta' reviżjoni relatata mal-mekkaniżmu ta' deroga eżistenti.
- (3) Abbażi ta' rieżami tal-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999, jenħtieġ li l-applikazzjoni tal-miżuri stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 ta' dik id-Deċiżjoni fir-rigward tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet, u l-korpi elenkati f'dak l-Anness jiġu estiżi sat-8 ta' Diċembru 2024. Jenħtieġ li l-entrati li jikkonċernaw disa' persuni fiżiċi u tliet entitajiet inklużi f'dak l-Anness jiġu aġġornati.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1999 tas-7 ta' Diċembru 2020 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem (ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 13).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 10

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-8 ta' Diċembru 2026 u għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Il-miżuri stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 għandhom japplikaw fir-rigward tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet, u l-korpi elenkati fl-Anness sat-8 ta' Diċembru 2024.
2. Id-deroga msemmija fl-Artikolu 4(1) għandha tiġi rieżaminata f'intervalli regolari u mill-inqas kull 12-il xahar jew fuq talba urġenti ta' kwalunkwe Stat Membru, tar-Rappreżentant Għoli jew tal-Kummissjoni wara bidla fundamentali fiċ-ċirkostanzi.”;

(2) l-Anness huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-taqsimha A (“Persuni fiżiċi”), l-entrati għad-disa' persuni fiżiċi li ġejjin huma sostitwiti b'dan li ġej:

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
"2.	Alexander (Alexandr) Ivanovich BASTRYKIN	Александр Иванович БАСТРЫКИН	Kariga/i: President tal- Kumitat Investigattiv tal- Federazzjoni Russa Data tat-twelid: 27.8.1953 Post tat-twelid: Pskov, Russian SFSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Alexander Bastrykin ilu jservi bħala president tal- Kumitat Investigattiv tal-Federazzjoni Russa (il- "Kumitat") minn Jannar 2011 (u bħala aġent president minn Ottubru sa Diċembru 2010). F'dik il- pożizzjoni, huwa jissorvelja l-attivitajiet kollha tal- Kumitat. Uffiċjalment, il-Kumitat huwa ppresedut mill-President Russu. Fil-kapaċità tiegħu, Alexander Bastrykin, bħala president tal-Kumitat, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal- bniedem fir-Russja, inkluż arresti u detenzjonijiet arbitrarji.	2.3.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
				Alexander Bastrykin huwa responsabbli għall-kampanji mifruxa u sistematiki ta' repressjoni tal-Kumitat kontra l-oppożizzjoni Russa li jimmiraw u jinvestigaw il-membri tagħha. Fid-29 ta' Diċembru 2020, il-Kumitat nieda investigazzjoni dwar il-mexxej tal-oppożizzjoni Alexei Navalny, fejn ġie akkużat bi frodi fuq skala kbira. Alexei Navalny u oħrajn ippubblikaw artikli dwar is-sjieda ta' Alexander Bastrykin tad-ditta tal-proprjetà immobbli Ċeka LAW Bohemia fis-snin 2000. FI-2022, il-Kumitat Investigattiv, li Alexander Bastrykin għadu jippresiedi, akkuża lil 92 suldat Ukren b'delitti kontra l-umanità matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
6.	WANG Junzheng	王君正 (ortografija Ċiniża)	Kariga/i: Membru tal-20 Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista Ċiniż (CCP) (Diċembru 2022-Diċembru 2026); Deputat tal-14-il Kongress Nazzjonali tal- Poplu (NPC, Frar 2023 - Frar 2027); Segretarju tal- Partit Komunista Ċiniż (CCP) fir-Reġjun Awtonomu tat-Tibet (TAR); Eks Segretarju tal- Partit tal-Korp ta' Produzzjoni u Kostruzzjoni ta' Xinjiang (KPKX), u Viċi Segretarju tal-Kumitat tal- Partit tar-Reġjun Awtonomu Ujgur ta' Xinjiang fiċ-Ċina; Kummissarju politiku tal- XPCC u CEO taċ-China Xinjian Group	Segretarju tal-Partit Komunista Ċiniż (CCP) fir- Reġjun Awtonomu tat-Tibet (TAR) sa minn Ottubru 2021. Membru tal-20 Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista Ċiniż (CCP) (Diċembru 2022-Diċembru 2026). Deputat tal-14-il Kongress Nazzjonali tal- Poplu (NPC, Frar 2023 - Frar 2027). Eks Segretarju tal-Partit tal-Korp ta' Produzzjoni u Kostruzzjoni ta' Xinjiang (KPKX) u Viċi Segretarju tal-Kumitat tal-Partit tar-Reġjun Awtonomu Ujgur ta' Xinjiang (RAUX) fiċ-Ċina minn April 2020 sa Ottubru 2021, kif ukoll Kummissarju politiku tal- KPKX minn Mejju 2020 sa Ottubru 2021. Eks Segretarju tal-Kumitat għall-Affarijiet Poliċi u Legali tar-RAUX, minn Frar 2019 sa Settembru 2020. Wang Junzheng okkupa wkoll karigi għolja oħra fil-KPKX. L-XPCC huwa organizzazzjoni ekonomika u paramilitari tal-istat fl-XUAR, li teżerċita awtorità amministrattiva u tikkontrolla l-attivitajiet ekonomiċi f'Xinjiang.	22.3.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
			Data tat-twelid: Mejju 1963 Post tat-twelid: Linyi, Shandong (China) Nazzjonalità: Ċiniża Sess: raġel	Bħala Segretarju tal-Partit u Kummissarju Politiku tal-KPKX, Wang Junzheng kien involut fis-sorveljanza tal-politiki kollha implimentati mill-KPKX. F'dik il-kariga, huwa kien responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, b'mod partikolari detenzjonijiet arbitrarji u trattament degradanti fuq skala kbira li laqat lill-Ujguri u lil popli minn minoranzi etniċi Musulmani oħrajn, kif ukoll ksur sistematiku tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin tagħhom, fost l-oħrajn, b'rabta mal-implimentazzjoni mill-KPKX ta' programm ta' sorveljanza, detenzjoni u indottrinazzjoni fuq skala kbira mmirat lejn l-Ujguri u nies minn minoranzi etniċi Musulmani oħrajn. Hu kien responsabbli wkoll mill-użu sistematiku mill-KPKX tal-Ujguri u nies minn minoranzi etniċi Musulmani oħrajn bħala forza tax-xogħol furzat, b'mod partikolari fl-għelieqi tal-qoton.	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				Bħala Viċi Segretarju tal-Kumitat tal-Partit tar-RAUX, Wang Junzheng kien involut fis-sorveljanza tal-politiki tas-sigurtà kollha implimentati f'Xinjiang, inkluż il-programm imsemmi qabel immirat lejn l-Ujguri u nies minn minoranzi etniċi Musulmani oħrajn. Bħala Segretarju tal-Kumitat għall-Affarijiet Poliċi u Legali tar-RAUX minn Frar 2019 sa Settembru 2020, Wang Junzheng kien responabbli miż-żamma tas-sigurtà interna u l-infurzar tal-liġi fir-RAUX. Bħala tali, kellu kariga politika importanti inkarigat biex jissorvelja u jimplimenta l-programm imsemmi qabel.	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
7.	WANG Mingshan	王明山 (ortografija Ċiniża)	Kariga/i: Deputat tal-14-il Kungress Nazzjonali tal-Poplu (NPC, Frar 2023 - Frar 2027); Membru tal-Kumitat Permanenti tal-Kumitat tal-Partit tar-Reġjun Awtonomu Ujgur ta' Xinjiang (RAUX); Segretarju tal-Kumitat għall-Affarijiet Politiċi u Legali tar-RAUX Data tat-twelid: Jannar 1964 Post tat-twelid: Wuwei, Gansu (China) Nazzjonalità: Ċiniża Sess: raġel	Membru tal-Kumitat Permanenti tal-Kumitat tal-Partit tar-Reġjun Awtonomu Ujgur ta' Xinjiang (RAUX) u Segretarju tal-Kumitat għall-Affarijiet Politiċi u Legali tar-RAUX sa minn Settembru 2020. Deputat tal-14-il Kungress Nazzjonali tal-Poplu (NPC, Frar 2023 - Frar 2027). Eks Direttur u Viċi Segretarju tal-Partit tal-Bureau tas-Sigurtà Pubblika ta' Xinjiang (BSPX) bejn l-2017 u Jannar 2021. Bħala Segretarju tal-Kumitat tal-Affarijiet Politiċi u Legali tar-RAUX sa minn Settembru 2020, Wang Mingshan hu responabbli miż-żamma tas-sigurtà interna u l-infurzar tal-liġi fir-RAUX. Bħala tali, għandu kariga politika importanti inkarigat biex isegwi programm fuq skala kbira ta' sorveljanza, detenzjoni u indottrinazzjoni mmirat lejn persuni Ujgur u nies minn minoranzi etniċi oħrajn.	22.3.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
				Bħala eks Direttur u Viċi Segretarju tal-Partit tal-BSPX (mill-2017 sa Jannar 2021), hu kellu kariga ewlenija fl-apparat tas-sigurtà ta' Xinjiang u kien responsabbli direttament mill-implimentazzjoni tal-programm imsemmi qabel. B'mod partikolari, il-BSPX uża l-"Pjattaforma Integrata ta' Operazzjonijiet Konġunti" (PIOK), programm ta' big data wżat biex isegwi miljuni ta' Ujgur fir-reġjun ta' Xinjiang u jindika lil dawk meqjusa bħala "theddida potenzjali" biex jintbagħtu f'kampijiet ta' detenzjoni. Fil-kariga attwali tiegħu u minħabba l-funzzjonijiet li kellu qabel, Wang Mingshan hu responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, b'mod partikolari detenzjonijiet arbitrari u trattament degradanti fuq skala kbira mwettqa fuq l-Ujgur u nies minn minoranzi etniċi Musulmani oħrajn, kif ukoll ksur sistematiku tal-libertà tar-reliġjoni jew tat-twemmin tagħhom.	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
10.	RI Yong Gil (magħruf ukoll bħala RI Yong Gi, RI Yo'ng-kil, YI Yo'ng- kil)	리영길 (ortografija Koreana)	Kariga/i: Kap tal-Istat Maġġur tal-Armata tal- Poplu Korean (KPA) Grad: Viċi Marixall Data tat-twelid: 1955 Nazzjonalità: Repubblika Demokratika tal-Poplu tal- Korea (RDPK) Sess: raġel	Ri Yong Gil huwa l-Kap tal-Istat Maġġur tal- Armata tal-Poplu Korean (KPA). Kien il-Ministru għad-Difiża Nazzjonali tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK) minn Ġunju jew Lulju 2021 sa Diċembru 2022. Kien Ministru għas-Sigurtà Soċjali minn Jannar 2021 sa Ġunju jew Lulju 2021. Kien ukoll Kap tal-Istat Maġġur tal-KPA bejn l- 2018 u Jannar 2021. Ġie promoss għal Viċi Marixxall tal-KPA fl-14 ta' April 2022. Bħala Kap tal-Istat Maġġur tal-KPA u eks Ministru għad-Difiża Nazzjonali, Ri Yong Gil huwa responsabbli għall-ksur serju u mifruż tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-KPA, inkluż minn membri tal-Kmand tas-Sigurtà Militari u unitajiet oħra tal-KPA.	22.3.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
				Il-Ministeru għas-Sigurtà Soċjali tar-RDPK (li qabel kien magħruf bħala l-Ministeru għas-Sigurtà tal-Poplu jew il-Ministeru għas-Sigurtà Pubblika) u l-Kmand tas-Sigurtà Militari huma istituzzjonijiet responsabbli milli jimplimentaw il-politiki ta' sigurtà repressivi tar-RDPK, fosthom l-interrogazzjoni u l-ikkastigar ta' nies li jaħarbu mir-RDPK "illegalment". B'mod partikolari, il-Ministeru għas-Sigurtà Soċjali hu responsabbli milli jmexxi kampijiet tal-ħabs u ċentri ta' xogħol ta' detenzjoni fuq perjodu qasir ta' żmien permezz tal-Uffiċċju Korrettiv tiegħu, fejn il-priġunieri/detenuti jitħallew bil-ġuħ apposta u huma soġġetti għal trattament inuman u degradanti ieħor. Bħala eks Kap tal-Ministeru għas-Sigurtà Soċjali, Ri Yong Gil huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDPK, b'mod partikolari tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, eżekuzzjonijiet ekstraġudizzjarji, arbitrarji u sommarji u qtil, għajbien sfurzat ta' persuni, u arresti jew detenzjonijiet arbitrarji, kif ukoll xogħol furzat mifruż u vjolenza sesswali kontra n-nisa.	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
18.	Valery (Valeriy) Nikolaevich ZAKHAROV	Валерий Николаевич Захаров (ortografija Russa)	Kariga/i: Konsulent tas- sigurtà għall-President tas- Central African Republic (CAR) ID tal-Wagner Group: M- 5658 Data tat-twelid: 12.1.1970 Post tat-twelid: Leningrad, Russian SFSR (issa Russian Federation) Nazżjonalità: Russa Sess: raġel	Valery Zakharov, eks membru tas-Servizz tas- Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa (FSB), huwa l-eks konsulent tas-sigurtà tal-President tar- Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA). Huwa figura ewlenija fl-istruttura ta' kmand tal-Wagner Group u għandu rabtiet mill-qrib mal-awtoritajiet Russi. Minħabba l-pożizzjoni influwenti li kellu fir-RĊA u r-rwol ewlieni tiegħu fil-Wagner Group, Valery Zakharov huwa responsabbli għal abbużi serji tad- drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-Wagner Group fir-RĊA, inkluż eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji. Dan jinkludi l-qtil ta' tliet ġurnalisti Russi fl-2018, li s-sigurtà tagħhom kienet ir-responsabbiltà ta' Valery Zakharov.	13.12.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
19.	Maxim SHUGALEY magħruf ukoll bħala Maksim SHUGALEI	Максим ШУГАЛЕЙ (ortografija Russa)	Kariga/i: President tal- Foundation for the Defence of National Values (FDNV) Data tat-twelid: 24.2.1966 Post tat-twelid: Leningrad, l-eks USSR (issa St Petersburg, Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-Passaport jew tal-Karta tal-Identità: 710508436 (passaport Russu)	Maxim Shugaley huwa l-kap tal-Fondazzjoni għad- Difiża tal-Valuri Nazzjonali (FDNV), entità assoċjata mal-Wagner Group. L-FDNV topera bħala l-fergħa tar-relazzjonijiet pubbliċi ta' Wagner Group u r-rwol ta' Maxim Shugaley fl-FDNV jinvolve t- tmexxija ta' propaganda favur Wagner Group u kampanji ta' diżinformazzjoni, inkluż biex tissaħħaħ ir-reputazzjoni tal-Wagner Group u jiġi appoġġat l- iskjerament tiegħu, kif ukoll jinterferixxi bil-moħbi fisem il-Wagner Group fid-diversi pajjiżi li huwa attiv fihom. Il-Wagner Group huwa elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż il-Libja, il- Mali u r-Repubblika Ċentru-Afrikana. Maxim Shugaley huwa assoċjat mal-Wagner Group u huwa responsabbli għall-appoġġ u l- inkoraġġiment tal-atti tal-Wagner Group permezz ta' propaganda favur Wagner Group u diżinformazzjoni.	25.2.2023

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
21.	Konstantin Alexandrovich PIKALOV	Константин Александрович (ortografija Russa)	Kariga/i: Wieħed mill- Kmandanti ta' PMC Wagner Group fl-Afrika Data tat-twelid: 23.7.1968 Nazżjonalità: Russa Sess: raġel	Konstantin Pikalov, bl-isem kodiċi "Mazaï" (Mazay), huwa wieħed mill-mexxejja tal-Wagner Group u huwa responsabbli għall-attivitajiet operazzjonali tal-Wagner Group fl-Afrika, b'mod partikolari fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA). Huwa akkużat li kien l-istigatur tal-qtil ta' tliet ġurnalisti Russi f'Lulju 2018. Minn April 2023, huwa wkoll il-kap ta' grupp paramilitari ġdid (Convoy) maħluq f'Novembru 2022 biex jieħu azzjoni fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-Wagner Group huwa elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż ir-RĊA. Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu fi ħdan il-Wagner Group, Konstantin Pikalov huwa responsabbli għall-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-Wagner Group fir-RĊA.	25.2.2023

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
24.	Alexander Alexandrovich IVANOV magħruf ukoll bħala: Aleksandr Alexandrovich IVANOV; Alexandre Alexandrovich IVANOV	Александр Александрович ИВАНОВ (ortografija Russa)	Kariga/i: Rappreżentant tal- ħarrieġa tal-Wagner Group fis-Central Afridan Republic Data tat-twelid: 14.6.1960 Nazżjonalità: Russa Sess: raġel Indirizz: Bangui, Central African Republic	Alexander Ivanov huwa l-kelliem għall-Wagner Group fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA). Huwa wkoll il-kap tal-"Officers Union for International Security" Russa, imsejħa ukoll Officers Community for International Security (COSI), kumpanija ta' faċċata tal-Wagner li tibgħat ħarrieġa militari Russi fir-RĊA. Dawk il-ħarrieġa huma merċenarji tal-Wagner Group. Il-Wagner Group huwa elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi inkluż ir-RĊA. Fil-pożizzjoni tiegħu bħala rappreżentant uffiċjali tal-ħarrieġa militari Russi, Alexander Ivanov huwa involut fl-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-Wagner Group fir-RĊA.	25.2.2023

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
35.	Toe UI magħruf ukoll bħala: Toe YI		Kariga/i: Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni Grad: Maġġur Ġeneral Nazzjonalità: Myanmar/Burma Sess: raġel	Il-Maġġur Ġeneral Toe Ui nħatar Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni fit-3 ta' Frar 2023. Huwa l-eks viċi kmandant tal-Office of the Chief of Military Security Affairs (OCMSA). L-OCMSA huwa responsabbli għall-ġestjoni taċ-ċentri ta' detenzjoni u interrogazzjoni fil-Myanmar/Burma u huwa wkoll inkarigat bil-ġbir ta' intelligence. Il-persunal tal-OCMSA taħt l-awtorità ta' Ui juża nudità sfurzata, stupru, xokkijiet elettriċi, ħruq ta' ġenitali u vjolenza eċċessiva matul id-detenzjoni arbitrarja u l-interrogazzjoni ta' rġiel, nisa u membri tal-komunità LGBTIQ. Fil-kapaċità tiegħu bħala viċi kmandant tal-OCMSA, il-Maġġur Ġeneral Toe Ui huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar/Burma, inkluż detenzjonijiet arbitrarji u tortura, kif ukoll għal vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru sistematika u mifruxa.	7.3.2023"

(2) fit-taqsimha B (“Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi”), l-entrati għat-tliet entitajiet li ġejjin huma sostitwiti b’dan li ġej:

	Isem (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
"8.	Foundation for the Defence of National Values (FDNV) Fund for the Defence of National Values (FDNV) Foundation/organization for the Protection of National Values (FPNV)/(FZNC) Foundation for National Values Protection		Post ta' reġistrazzjoni: Moscow (64 Zemlyanoy Val str., building 2, office 201, Moscow, Russian Federation) Sit web: https://en.fznc.ru/	Il-Foundation for the Defence of National Values (FDNV) hija assoċjata mal-Wagner Group. Il-FDNV topera bħala l-fergħa tar-relazzjonijiet pubbliċi tal-Wagner Group. Hija tmexxi l-propaganda favur Wagner Group u l-kampanji ta' diżinformazzjoni, inkluż biex issaħħaħ ir-reputazzjoni tal-Wagner Group u tappoġġa l-iskjerament tiegħu, u tinvolvi ruħha f'interferenza moħbija fisem il-Wagner Group fid-diversi pajjiżi li hija attiva fihom. Il-Wagner Group huwa elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż il-Libja, il-Mali u r-Repubblika Ċentru-Afrikana. L-FDNV hija assoċjata mal-Wagner Group u hija responsabbli għall-appoġġ u l-inkoraġġiment tal-atti tal-Wagner Group permezz ta' propaganda favur il-Wagner Group, interferenza politika u diżinformazzjoni.	25.2.2023

	Isem (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
10.	Meroe Gold Co. Ltd. magħrufa wkoll bħala: Meroe For Agricultural & Animal Production; Al-Solag; Al-Sarraj Mining Company Ltd; Al-Sawlaj Mining Company Ltd; Al-Solaj Mining Company)		Post ta' reġistrazzjoni: Al-jref Għarb Plot 134 Blok 1h, Khartoum, Sudan Informazzjoni oħra: Qtugħ ta' metall ieħor mhux ferruż mill-minjieri Assoċjata ma': Al Sawlaj for Mining Ltd الصولج Aswar Multi Activities Co., Ltd	Il-Meroe Gold hija entità ta' kopertura għall-operazzjonijiet tal-Wagner Group fis-Sudan u marbuta mill-qrib miegħu. Billi kien affiljat mal-militar Sudaniż, il-Wagner Group żgura l-isfruttament u l-esportazzjoni tad-deheb Sudaniż lejn ir-Russja. Il-Meroe Gold hija assoċjata mal-Wagner Group, elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż fis-Sudan. Permezz tal-attivitajiet tagħha, il-Meroe Gold tipprovdi wkoll appoġġ għal tali abbużi mwettqa fis-Sudan.	25.2.2023

	Isem (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
14.	Syrian Republican Guard		Post ta' reġistrazzjoni: Syria Individwi assoċjati: Brigadier Ġeneral Mohamed Qasem (viċi kmandant), Ġeneral Malik Aliaa (kmandant suprem), Mohammad Nayouf, Mohamed Kaddor (kmandanti), President Bashar Al-Assad	Syrian Republican Guard hija entità responsabbli għas-sigurtà tal-uffiċjali u hija parti mill-forzi tas-sigurtà Sirjani. Fit-tmexxija tagħha, il-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru kontra n-nisa hija mifruxa, b'mod partikolari matul il-kunflitt Sirjan li għaddej. Il-vittmi rrapportaw stupri vjolenti u tortura wara arresti arbitrarji u matul detenzjoni arbitrarja. Syrian Republican Guard hija parti minn approċċ sistematiku mir-reġim Sirjan biex juża l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru biex irażżan u jintimida lill-poplu Sirjan, b'mod partikolari n-nisa u l-bniet. Għaldaqstant, Syrian Republican Guard hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sirja, inkluż għal tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, arresti jew detenzjonijiet arbitrarji kif ukoll vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru mifruxa.	7.3.2023"